**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 23 – It-TLIETA, 16 TA' ĠUNJU 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa , it-Tlieta, 16 ta' Ġunju 2021.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Victor Caruana | Kunsillier |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsilliera |
| Maria Magri | Kunsilliera |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |

**Uffiċċjali Preżenti**: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

1. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 22**

   **Is- Sindku John Schembri** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 22, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

   **Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekondat.

   Il-Minuti għal Seduta Nru 22 ġew approvati b'mod unanimu.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-applikazzjoni ta' żvilupp f'Ħal Farruġ ma ġietx approvata mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

2.2 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li saret il-laqgħa annwali relatata mal-festa, fejn minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija, din is-sena mhu se jkun qed isir xejn, għajr il-ħruq tan-nar tal-ajru. Is-Sindku John Schembri nfurma wkoll li dan ifisser li l-attivita' annwali li tiġi organizzata mill-Kunsill, mhux se tkun qed issir. Is-Sindku spjega li mill-informazzjoni mogħtija mill-Pulizija, jidher li se jiġu lifted xi restrizzjonijiet fil-5 ta' Lulju, l-għada tal-festa, iżda ovvjament s'issa m'hemm xejn uffiċjali, għaldaqstant wieħed għandu jistenna l-aħbar uffiċjali.

2.3 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** staqsa jekk hux se ssir il-ħarġa għal Għawdex. Is-Sindku qal li ġaladarba jiġu lifted ir-restrizzjonijiet, l-ħarġa tista' ssir. Ġie maqbul li l-ħarġa ssir il-Ħamis 15 ta' Lulju 2021.

2.4 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li x-xogħlijiet fuq il-manutenzjoni tal-bankini fiz-zona ta' Ħal Farruġ għaddejjin kif skedati.

2.5 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li x-xogħlijiet tal-letrina għaddejjin kif pjanati.

2.6 **Il-Kunsillier Victor Caruana** propona li fi Triq il-Karmnu ssir U-Bar, għaliex qed ikun hemm periklu għar-residenti li jużaw il-bankina.

2.7 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** staqsa meta se jkun qed isir ir-railing ta' Triq id-9 t'April.

2.8 **Il-Kunsillier Victor Caruana** staqsa meta se jkun qed isir ir-railing quddiem is-Sagristija u talab li jsir railing adegwat quddiem l-entratura tal-Kunsill Lokali.

2.9 **Il-Kunsillier Victor Caruana** talab li ssir manutenzjoni tal-bankina fi Triq il-Ġdida k/m Triq Dun Pawl.

2.10 **Il-Kunsillier Victor Caruana** staqsa x'sar dwar il-bus shelters. Is-Sindku John Schembri nfurma li talab li ssir laqgħa ma' Infrastruttura Malta sabiex il-Kunsill Lokali jkollu stampa ċara ta' kif se jsir it-traffic diversion minħabba x-xogħlijiet relatati mal-flyover.

2.11 **Il-Kunsillier Victor Caruana** ġibed l-attenzjoni sabiex il-bandiera li hemm mal-arblu, fl-entratura tal-lokalita' tinbidel għaliex mhiex fi stat tajjeb. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-bnadar il-ġodda ġew ordnati.

2.12 **Il-Kunsillier Victor Caruana** ġibed l-attenzjoni li l-arblu wasal għal manutenzjoni.

2.13 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** talab li jiġi nstallat *dog bin* fejn iz-zuntier taċ-Ċentru.

2.14 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** staqsa jekk l-għaqdiet mużikali hux se jkunu qed jieħdu l-għotja ta' € 1,000. Is-Sindku John Schembri qal li ġaladarba l-għaqdiet mhux se jagħtu dan is-servizz, huwa ovvju li dan il-ħlas mhux se jsir.

2.15 **Il-Kunsillier Eric Camilleri** ppropona li l-art fi Triq il-Ġdida issir pressjoni mal-Awtorita' tad-Djar sabiex nofs dik l-art tingħata lill-Kunsill sabiex issir recreational area. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Awtorita' tad-Djar.

**3 Performance Appraisal – Segretarju Eżekuttiv uxxenti**

**Is-Sindku** poġġa fuq il-mejda l-*Performance Appraisal Report* tas-Segretarju Eżekuttiv tas-Sur Michael Portelli.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li s-Sur Portelli jingħata l-full performance bonus.

**4 Mozzjonijiet**

**4.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri**

Nipproponi li l-kontijiet bankarji bin-numri 40018732744, 40020565213 u 40022149776 dikjarati bħala '*dormant'* jingħalqu u l-flejjes eżistenti fihom jiġu trasferiti kollha fis-Savings Accounts tal-Kunsill li jġib in-numru 12903677023.

Il-Kunsillier Frederick Aquilna ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw favur is-sitt (6) kunsilliera preżenti. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**5 KORRISPONDENZA**

5.1 Stedina lill-membri fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Fr Martin Micallef

Skema għall-impjieg ta' Animal Steward. Il-Kunsill m'approvax din l-iskema.

6 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xhur ta' Mejju 2021.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Frederick Aquilina** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

7 **TMIEM TAL-LAQGĦA**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Lulju 2021 fil-5.30p.m.

Minuti ġew approvati llum, l_______________________

_________________ _________________

**John Schembri** — SINDKU

**Karen Camilleri** — Deputat Segretarju Eżekuttiv